MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 350/2014

**Villa Fermaux Limited**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis u l-PL Doreen Aquilina gew nominati b' digriet tad-19 ta' Mejju 2014 bhala Kuraturi Deputati sabiex jidhru ghas-sid jew sidien mhux maghrufa tas-sehem indiviz rimanenti ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem,**

**ekwivalenti ghal 4,496 m.k., konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks Street**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf tal-kumpanija Villa Fermaux Limited (C23337) datat 25 ta' April 2014, fejn Janice Baldacchino [detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 482085(M)] tikkonferma: -

Illi permezz ta' kuntratt datat 5 ta' April 2005 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Carmelo Mangion, il-kumpanija esponenti xtrat u akkwistat minghand Malcolm David Micallef u Joan Borg Marks, li flimkien u solidalment bejniethom bieghu u ttrasferew lill-kumpanija esponenti, il-kwota ta' 44.98% jew kwalunkwe sehem indiviz iehor u d-drittijiet ohra spettanti lill-istess vendituri, mill-intier ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496 m.k., konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta' ta' sidien mhux maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks

Street, kif indikata fuq il-pjanta annessa ma' l-istess att fejn giet immarkata bl-ittra "A", kif soggetta fl-intier taghha ghac-cens annwu u perpetwu ta' 50c, illum ekwivalenti ghal €1.16, mill-bqija libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha.

Illi permezz ta' kuntratt iehor datat 5 ta' April 2005 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Carmelo Mangion, il-kumpanija esponenti xtrat u akkwistat minghand Carmela *sive* Carrie Micallef, li min-naha taghha bieghet u ttrasferiet lill-kumpanija esponenti, il-kwota ta' 45.14%, jew kwalunkwe sehem indiviz iehor u kwalsiasi drittijiet otra spettanti lill-istess venditrici, mill-intier ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada", jew, "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496 m.k., konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna, u in parti ma, proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks Street, kif indikata fuq il-pjanta annessa ma' l-istess att fejn giet immarkata bl-ittra "A", kif soggetta fl-intier taghha ghac-cens annwu u perpetwu ta' 50c, illum ekwivalenti ghal €1.16, mill-bqija libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, u liema ghalqa minn issa 'l quddiem se ssir referenza ghaliha

bhala "l-Ghalqa".

Illi per konsegwenza tal-kuntratti hawn fuq citati, il-kumpanija esponenti llum hija proprjetarja fil-kwota indiviza ta' 90.12% ta' l-Ghalqa hawn fuq deskritta.

Illi l-identita tas-sid jew tas-sidien tal-porzjoni indiviza rimanenti fl-istess proprjeta` m'hijiex maghrufa.

Illi l-kumpanija esponenti ma tixtieqx tibqa' fi stat ta' komunjoni ta' proprjeta` ta' l-Ghalqa.

Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

Illi Janice Baldacchino, debitament awtorizzata tirrapprezenta lill-kumpanija esponenti fi proceduri gudizzjarji, tikkonferma li taf bil-fatti suesposti personalment.

Ghaldaqstant il-kumpanija esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddeciedi u tiddikjara li l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fugra, imlaqqma "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496m.k., konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, minn liema porzjon art illum jghaddu Triq Liedna u Stocks Street, tappartjeni lill-kontendenti indivizament;

2 Tistabbilixxi l-kwota appartenenti lil kull wiehed mill-kontendenti mill-Ghalqa;

3. Tiddeciedi u tiddikjara li l-Ghalqa hija komodament divizibbli u ghalhekk ghandha tigi diviza bejn il-kontendenti skont is-sehem rispettiv taghhom, *occorrendo previa* l-opera ta' periti nominandi;

4. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni opportun u kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq dak l-att, u tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att ta' divizjoni;

5. Fl-eventwalita' li jigi deciz li l-Ghalqa m'hijiex komodament divizibbli, tordna li jsir il-bejgh b'licitazzjoni ta' l-Ghalqa, previa l-opera ta' periti nominandi sabiex jistmaw

l-istess Ghalqa;

6. Taghti dawk l-ordnijiet u d-direttivi kollha necessarji, inkluz l-ghazla ta' jum, hin, lok u l-hatra ta' rkantatur, sabiex isir il-bejgh b' licitazzjoni ordnat bis-sahha tat-talba precedenti, u dan kollu previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma lkoll minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-rikors tal-kumpanija Villa Fermaux Limited datat 25 ta’ April 2014 a fol 25 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tahtar kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-intimati; u l-Qorti kif diversament presejduta nnominat lill-Avukat Dr Joseph Ellis u lill-PL Doreen Aquilina kif jidher bid-digriet moghti fid-19 ta’ Mejju 2014 (fol 22).

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Gunju 2014.

Rat ir-risposta datata 26 ta' Gunju 2014 (fol 54) tal-konvenuti Dr. Joseph Ellis (Karta tal-Identita': 21763(G)) fil-kwalita` tieghu ta' kuratur deputat sabiex jidher ghas-sid jew sidien mhux maghrufa tas-sehem indiviz rimanenti ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikati bhala f' Hal Tarxien, fil-kontrada tal-Fgura imlaqqma bhala "'Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem ekwivalenti ghal 4,496m.k. konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks Street :

Jeccepixxi bil-qima:

1. IIli huwa' fl-kwalita` tieghu ta' kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lis-sid jew sidien mhux maghrufa tas-sehem indiviz rimanenti ta' l-ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra indikali bhala f' Hal Tarxien, fil-kontrada tal-Fgura imlaqqma bhala "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem ekwivalenti ghal 4,496m.k. konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjeta` ta' Christopher Bianco jew l-aventi *causa* tieghu fit-titolu, mil-Lvant u mill-Punent in parti ma' Triq Liedna u in parti ma' proprjeta` ta' sidien mhux maghrufa, u minn liema porzjon art illum jghaddu Triq il-Liedna u Stocks Street m'huwiex prezentement edott mill-fitti Ii taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant, jirriserva illi jdahhal eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur *stante* illi l-hatra tieghu bhala kuratur deputat hija irritwali ghaliex hu fil-kwalita` tieghu premessa ma jistax jirrapprezenta persuni mhux maghrufa *stante* l-artikolu 929 tal-Kap 12 jistipula specifikatament liema persuni identifikabbli jistghu jigu rappezentati mill-kuraturi deputati imma ma jistghux jigu rapprezentati persuni mhux maghrufa.

3. Illi *se mai* jekk l-eredi attwali tal-propjeta` *de quo* m'humiex identifikabbli l-artikolu 816 tal-Kodici Civili jidhol fis-sehh u l-wirt tieghu jaqa' f'idejn il-Gvern u ghaldaqstant ikollu jigi kjamat in kawza l-Gvern ta' Malta.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Lulju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Mark Simiana ghas-socjeta` attrici u Dr Joseph Ellis. Saret trattazzjoni ta' Dr. Joseph Ellis fuq l-eccezzjonijiet minnu ssollevati, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Simiana ghandu jipprezenta nota ta' referenza ta' kawzi li gew mismugha u decizi kontra kuraturi ghal sidien mhux maghrufa, ghalkemm il-punt ma giex trattat specifikatament, u dan fi zmien hmistax-il jum (15) minn dan il-verbal. Il-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari fuq l-eccezzjonijiet sollevati ghad-9 ta' Ottubru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qed titlob il-qasma jew il-bejgh b'licitazzjoni ta' ghalqa fil-limiti tal-Fgura, drabi ohra ndikata bhala f'Hal Tarxien, fil-kontrada Tal-Fgura, imlaqqma "Tal-Bajjada" jew "Tal-Wied", tal-kejl superficjali ta' cirka erbat itmiem, ekwivalenti ghal 4,496 m.k., u li taghha l-istess rikorrenti hija sid ta' porzjoni *pro indiviso.*

Ir-rikorrenti esebiet zewg kuntratti notarili (**Dok A** u **DOK C** bi pjanti annessi, **DOK B** u **DOK D)** minn fejn jirrizulta li akkwistat, fl-assjem taghhom, kwota indiviza ekwivalenti ghal disghin punt tnax fil-mija (90.12%) mill-imsemmija ghalqa.

Din il-kawza giet istitwita kontra kuraturi nominati biex jirraprezentaw il-proprjetarji ta' porzjoni rimanenti li mhumiex maghrufa ghar-rikorrenti. B'Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta gew mahtura l-Avukat Dottor Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina.

Illi r-risposta giet ipprezentata mill-Avukat Ellis wahdu izda din il-Qorti ma jidhrilhiex li dan hu ta' xkiel ghall-procedura odjerna in kwantu l-eccezzjonijiet procedurali (it-tieni u t-tielet eccezzjoni) jirrigwardaw l-ufficcju tal-kuratur u mhux il-persuna/i mahtura.

Illi minbarra l-ewwel eccezzjoni fejn iddikjara li mhux edott mill-fatti tal-kaz, l-Avukat Ellis bhala kuratur *ad litem* eccepixxa li mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Hu jsejjes din l-eccezzjoni fuq zewg binarji. L-ewwel hija l-irritwalita' tal-hatra tieghu ghaliex, skont l-artikolu 929 tal-Kap.12, huma persuni identifikabbli li jistghu jigu rapprezentati minn kuraturi deputati u mhux persuni mhux maghrufa; u fit-tielet eccezzjoni, li

jsegwi ghat-tieni, jeccepixxi li jekk l-eredi attwali tal-proprjeta' mhumiex identifikabbli allura japplika l-artikolu 816 tal-Kodici Civili fejn il-wirt jaqa' f'idejn il-Gvern.

Din hija sentenza *in parte* fuq l-eccezzjonijiet procedurali sollevati mill-kuratur, cioe` t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, liema eccezzjonijiet gew trattati oralment quddiem din il-Qorti[1].

Ikkonsidrat li l-artikolu **780 tal-Kap.12.** jiddisponi hekk: " *L-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità tal-attur jew tal-konvenut tista' tingħata, meta l-wieħed jew l-ieħor huwa inkapaċi skont il-liġi biex joqgħod f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skont il-liġi għaldaqshekk."*

**L-artikolu 929 tal-Kap 12** li jelenka ic-cirkostanzi li fihom jista' jinhatar kuratur jiddisponi hekk:

***"929.*** *Barra mill-każijiet li fihom dan il-Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi, il-qorti tista' wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri -*

*(a) fl-interess ta' nies assenti, jew taħt l-età li ma jkunux rappreżentati skont il-liġi, jew ta' persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, jew ta' interdetti, jew ta'persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa għal fedekommess jew għal wirt*

[1] Seduta tal-5 ta' Lulju 2014.

*battal li ħadd ma jidher għalih skont il-liġi, jew ta’ persuni li ’l quddiem jistgħu jiġu msejħa għal dan il-fedekommess jew wirt;*

*jew*

*(b) fl-interess ta’ persuna li ma jkunx magħruf jekk hix ħajja jew li tkun maħsuba mejta, meta, għall-eżerċizzju ta’ azzjoni, ikun meħtieġ li tissejjaħ dik il-persuna b’att ġudizzjarju; jew*

*(c) fl-interess ta’ persuna maħsuba mejta, meta persuna oħra tkun trid tidħol fil-jeddijiet ta’ dik il-persuna;*

*jew........"*

Il-konvenut issottometta li l-kawza kif giet impostata ma saritx korrettement peress li mhuwiex il-legittimu kontradittur *qua* kuratur. Jsostni li skont l-artikolu 929 tal-Kap 12, meta kuratur deputat jigi mahtur biex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas ta’ xi persuna, jew ghax tkun mejta, jew ghax tkun assenti minn dawn il-gzejjer, tali persuna trid tkun identifikabbli. Id-difensur tar-rikorrenti, da parti tieghu, issottometta li l-artikolu 929 espressament jikkontempla l-hatra ta’ kuratur ghal persuna incerta.

Ikkonsidrat li l-istitut tal-Kuraturi *ad litem* jew *ex officio* hu regolat bl-artikoli 929 sa 942 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jindirizza l-htiega li persuni li m'ghandhomx il-kapacita' li jirraprezentaw lilhom infushom fil-gudizzju jkunu rapprezentati permezz ta' kuratur mahtur mill-Qorti.

Izda jirrizulta minn qari tal-artikolu 929 tal-Kap.12 li l-hatra ta' kuratur ghall-persuni incerti hija prevista meta dawn il-persuni incerti "*jistgħu jiġu msejħa għal fedekommess jew għal wirt battal li ħadd ma jidher għalih skont il-liġi."* Kif osserva l-abbli difensur tar-rikorrent, il-ligi tiddistingwi bejn persuni ncerti f'dan il kaz, u "*persuni li 'l quddiem jistgħu jiġu msejħa għal dan il-fedekommess jew wirt".*

Illi dan mhux ezattament il-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum. Is-sid/sidien *pro invidiso* tal-kwota rimanenti mhumiex maghrufa u b'hekk lanqas jista' jigi stabbilit jekk din il-kwota tifformax parti minn wirt li hu battal skont it-tifsira moghtija fl-artikolu 816 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-istess **artikolu 929 tal-Kap 12** jikkontempla c-cirkostanzi elenkati ghall-hatra ta' kuraturi b'zieda mal-kazijiet l-ohra imsemmija fl-istess Kodici. F'dak li jirrigwarda r-rapprezentanza ta' persuni mhux maghrufa, l-artikolu 807(4) tal-Kap.12, per ezempju, jiddisponi li l-Qorti, fejn ma ntalbitx it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem xi parti li tmut waqt il-kawza, tista' tahtar kuratur biex ikompli l-kawza f'isem id-*decujus* meta ma jkun maghruf hadd li jista' jirrapprezentah. F'dan il kaz il-legislatur ukoll iddispona dwar il-pubblicita' tal-hatra bil-hrug tal-bandi. Skont l-artikolu 809, dawn għandhom jiġu pubblikati darbtejn f 'mill-inqas żewġ gazzetti ta' kuljum u b'intervall ta' ġimgħa bejn pubblikazzjoni u oħra, bi spejjeż tar-rikorrent u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda notifika.

Il-kaz odjern jimmira lejn it-terminazzjoni ta' stat ta' komproprjeta. Skont l-artikolu 496 tal-Kap.16, il-legislatur irid li hadd m'ghandu jigi mgieghel

jibqa' f' dan l-istat ta' komproprjeta u jista' konsegwentement jipproponi l-qasma jew bejgh in licitazzjoni billi jipprezenta talba f'dan is-sens quddiem il-Qrati taghna. Mhix insolita li jokkorru cirkostanzi fejn mhuwiex possibbli li jigu identifikati s-sidien l-ohra kollha u ghalhekk f'dawn il-kazi, jigu nominati kuraturi biex jirraprezentaw il-persuni mhux maghrufa.(Ara ad. ez. **Vincent Zerafa et v Emanuel Cilia et** - Prim'Awla (Kost.) - dec. fid-9 ta' Ottubru 2012; **John Vassallo noe v Dr.Victor Scerri et noe** - Prim'Awla - dec.fil-31 ta' Mejju 2001;)

Illi fil-kaz fl-ismijiet **Peter Azzopardi v Joseph Bugeja** (PA(PS) - dec. fil-31 ta' Jannar 2005), din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta, billi rrizulta fil-pendenza tal-kawza li seta' kien hemm sidien ohra nteressati, akkordat lill-attur li jzid talba ulterjuri fis-sens li l-Qorti tahtar kuraturi biex jirraprezentaw is-sidien injoti. Fis-sentenza taghha l-Qorti ghaddiet ghan-nomina ta' kuratur in rapprezentanza tas-sidien mhux maghrufa.

Illi ma hemm l-ebda dubbju li l-Qrati taghna jistghu jghaddu ghan-nomina ta' kuraturi biex jirraprezentaw persuni mhux maghrufa li jistghu jkollhom interess f'kawza. Altrimenti l-process gudizzjarju jigi stultifikat u l-attur jigi mcahhad minn rimedju. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni li tista' tqum hija aktar wahda tal-forma tal-pubblicita' li ghandha tinghata f'dawn il-kazijiet milli wahda ta' ritwalita. Meta xi parti ma tkunx maghrufa, m'ghandhiex issir in-notifika lill-xi qraba jew hbieb ghaliex dawn mhumiex maghrufa izda ghanda ssir pubblikazzjoni tal-bandi fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti lokali.

Dan hu konfortat anke mit-taghlim tal-Professur Caruana Galizia li fin-noti tieghu dwar il-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili jghid hekk:[2]"

*The following are judicial representatives:*

*13. The curator 'ad litem' known also as judicial curator, or curator ' ex ufficio. 'The curator' ad litem' is necessary when one of the parties is incapable of appearing in Court, or requires a representative for any reason whatsoever. Consequently there is toom for the appointment of 'curators ad litem' in the following cases:-*

*a) When an action is to be instituted against an absent person (in the wider sense of the word, i.e. not present), who is not otherwise represented.*

*b) When an action is to be instituted against a person incapable 'standi judicio' who is not lawfully represent.*

*c) When an action is to be instituted against uncertain persons or against persons who may eventually be called to enjoy an entail.*

*d) In lawsuits against an ' hereditas jacens' which is not represented by anyone.*

[2] Pagna 1290.

*e) When, for the exercise of an action, it is necessary to serve an act on a person who is presumed to be dead, or in case it is not known whether he is dead or alive.*

*f) When a person wants to succeed in the rights of another who is presumed to be dead.*

*g) In other particular cases mentioned in the body of the law."*

Din il-Qorti ghazlet li tissottolinea l-kelma *or* fil-paragrafu c) surreferit billi din tindirizza l-eccezzjoni tal-kuratur odjern u dan l-awtur jikkontempla certament il-hatra ta' kuraturi ghall-persuni incerti.

Minbarra dan, ikkonsidrat ukoll li skont l-artikolu **495A (3) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta il-legislatur espressament ipprovda ghall-hatra ta' kuraturi biex jirraprezentaw lil komproprjetarji li mhumiex maghrufa. Dan l-artikolu jirregola l-bejgh ta' proprjeta' mizmum in komun meta s-sidien ma jistghux jiftehmu u jghid hekk: "(3) *Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-komproprjetarji kollha li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ kif ukoll lill-kuraturi li jiġu maħtura mill-qorti biex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab. Ir-reġistratur għandu jara li kopja tar-rikors tiġi pubblikata fil-Gazzetta u f 'ġurnal wieħed ta' kuljum."* (sottolinear tal-Qorti).

Ma jirrizultax li r-rikorrent ippromwova t-talba tieghu skont dan l-artikolu tal-ligi, izda ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-kaz odjern ma jistax jigi nkwadrat bhala tali tenut kont li r-rikorrenti hija s-sid tal-akbar sehem

mill-ghalqa in kwistjoni u jirrizulta mill-kuntratti esebiti li l-art kienet ilha mizmuma in komun ghall-aktar minn ghaxar snin.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-tieni eccezzjoni kif proposta. Il-hatra ta' kuratur in rapprezentanza ta' sidien mhux maghrufa hija ammessa fis-sistema legali taghna bhala rimedju procedurali li jissalvagwarda l-interessi tal-partijiet kollha.

**L-artikolu 816 tal-Kap.16**

Illi dwar l-applikabbilta' tal-artikolu 816 tal-Kap.16, din it-tielet eccezzjoni hija wkoll insostenibbli billi jenhtieg, qabel ma jigi applikat, li d-decujus jkun identifikat qabel ma jista' jinghad li l-wirt hu battal. Difatti din id-disposizzjoni tghid hekk:

***816. "****Meta l-mejjet ma jħallix warajh persuni li għandhom jedd jirtuh taħt ir-regoli stipulati fl-artikoli ta’ qabel, il-wirt imur favur il-Gvern ta’ Malta*." Dan mhux il-kaz odjern u din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza b'riserva li tipprovdi ulterjorment fil-kawza dwar il-pubblicita' li ghandha tinghata lir-rikors promotur.

L-ispejjez jigu determinati fis-sentenza finali.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------